L-Unjoni Ewropea

Nru 5 | 6/2024

# Nibnu l-Ewropa flimkien mal-**Kunsilliera Lokali**

## IL-BULLETTIN

L-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew huma żmien għall-Ewropej biex jirriflettu dwar il-viżjoni tagħhom għall-Ewropa u jirrealizzaw is-setgħa tal-vuċi kollettiva tagħhom. Dawn jipprovdu wkoll opportunità biex jiġi enfasizzat ir-rwol kruċjali li kull membru ta' BELC jista' jkollu fit-tiswir tal-futur tal-Ewropa permezz tal-parteċipazzjoni demokratika.

Din il-kwistjoni hi ċentrali għall-attivitajiet tal-komunità ta' BELC, u opportunità biex jiġu maqsuma l-aħjar prattiki u jintwerew l-inizjattivi ta' ispirazzjoni tal-membri ta' BELC qabel l-elezzjonijiet Ewropej. Minn azzjonijiet fil-livell lokali għal kollaborazzjonijiet istituzzjonali, dawn l-isforzi flimkien juru kif il-governanza lokali tista' tagħmel differenza kbira fil-ħolqien ta' bidla pożittiva fil-livell Ewropew.

**1,100**
membru ta' BELC

**540**
reġistrazzjoni fuq il-pjattaforma Futurium

**192**
reġjun koperti

## L-ewwel ħames suġġetti ta' interess tal-UE għall-membri ta' BELC

- Opportunitajiet ekonomiċi fiż-żoni rurali, inkluż għall-bdiewa żgħażagħ
- Opportunitajiet marbuta mat-turiżmu, inkluż l-ekoturiżmu
- Aċċess għal edukazzjoni (ta' kwalità), inkluża l-edukazzjoni għas-sostenibbiltà ambjentali u d-diġitalizzazzjoni
- Valorizzazzjoni tal-wirt kulturali u tat-tradizzjonijiet
- Tranżizzjoni lejn enerġija rinovabbli

I-Unjoni Ewropea

# L-elezzjonijiet Ewropej tal-2024

Il-membri ta' BELC kienu attivi ħafna fl-involviment taċ-ċittadini fit-tħejjija għall-elezzjonijiet Ewropej. Dawn li ġejjin huma xi eżempji.

Kolazzjon mal-UE, il-belt ta' Bretten

**1. Wolfgang Lübeck**, membru ta' BELC minn **Bretten, il-Ġermanja**, organizza ***Kolazzjon mal-UE*** f'kollaborazzjoni maċ-**ċentru EUROPE DIRECT ta' Karlsruhe** u mal-amministrazzjoni tal-belt ta' Bretten. Sitt mitt votant għall-ewwel darba ddiskutew l-importanza tal-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropej u r-rwol tagħhom fit-tiswir tal-futur tal-Ewropa.

L-elezzjonijiet Ewropej tal-2024: il-kuntest u l-isfidi, il-belt ta' Reims

**2.** Il-Forum pubbliku ***L-elezzjonijiet Ewropej tal-2024: il-kuntest u l-isfidi***, organizzat b'mod konġunt mill-belt ta' **Reims, Franza, iċ-ċentru EUROPE DIRECT ta' Grand Est**, is-Sindku **Arnaud Robinet**, u l-membru ta' BELC **Dimitri Oudin** kien opportunità biex jispjegaw ir-rwol tal-UE, l-importanza tal-votazzjoni fl-elezzjonijiet Ewropej, u biex ifaħħru liż-żgħażagħ għall-impenn tagħhom lejn l-Ewropa.

Xavier Aldeguer, il-Kunsill tal-Belt ta' Girona

**3.** Il-**Kunsill tal-belt ta' Girona**, Spanja, il-viċi sindku tiegħu, il-membru ta' BELC **Xavier Aldeguer**, u ċ-**ċentru EUROPE DIRECT ta' Girona**, marru fit-toroq (litteralment) f'karozza tal-linja elettrika interurbana biex jippromwovu l-parteċipazzjoni fl-elezzjonijiet Ewropej u l-importanza tat-teħid ta' deċiżjonijiet infurmati u l-involviment ċiviku.

Marcel Schoierer, Wesel

**4. Marcel Schoierer**, membru Ġermaniż ta' BELC minn **Wesel**, ingħaqad mal-kunsill muniċipali taż-żgħażagħ u l-persunal tiegħu għal ***kwiżż speċjali matul il-Festival tar-Rebbiegħa ta' Wesel***. Il-kwiżż stieden lill-parteċipanti jwieġbu mistoqsijiet marbuta mal-UE u jesploraw il-benefiċċji ta' Ewropa magħquda. Dan l-avveniment, li kien parti mill-kampanja #LetsEurope, enfasizza r-rwol importanti tal-votanti żgħażagħ fit-tiswir tal-futur tal-Ewropa.

Giannis Malandrakis, il-Muniċipalità ta' Platania

**5.** Il-membru ta' BELC, is-Sindku **Giannis Malandrakis ta' Platania, il-Greċja**, organizza sensiela ta' inizjattivi **ffukati fuq iż-żgħażagħ.** B'kollaborazzjoni maċ-**ċentru EUROPE DIRECT ta' Kreta** u l-Iskola Sekondarja Vokazzjonali ta' Filgħaxija ta' Platania, stabbilew punt ta' informazzjoni fil-bini tal-kunsill ta' Gerani, fejn infurmaw lin-nies tal-lokal u lill-viżitaturi internazzjonali dwar il-votazzjoni bil-posta u l-istituzzjonijiet tal-UE. Is-Sindku Malandrakis ipparteċipa fl-inizjattiva minn Brussell, permezz ta' xandira diretta mill-Parlament Ewropew. L-isforzi laħqu l-qofol tagħhom f'ċelebrazzjoni b'suċċess ta' Jum l-Ewropa fl-Akkademja Ortodossa ta' Kreta, li ġibdet madwar 300 parteċipant, u wriet l-impenn ta' Platania għall-involviment ċiviku Ewropew.

Claudio Petrozzelli, il-Muniċipalità ta' Cesinali

**6.** Appoġġat miċ-**ċentru EUROPE DIRECT ta' Salerno**, il-membru ta' BELC **Claudio Petrozzelli** minn **Cesinali, l-Italja**, organizza żewġ avvenimenti mmirati biex jippromwovu l-involviment **taż-żgħażagħ** lokali fl-elezzjonijiet Ewropej. L-ewwel avveniment, *Elezioni europee 2024*, sar f'Salerno u indirizza studenti tax-xjenza politika u l-komunikazzjoni. It-tieni avveniment, li sar f'Amalfi, laqqa' flimkien mexxejja lokali. Is-Sur Petrozzelli enfasizza r-rwol kruċjali tan-netwerk BELC u ħeġġeġ lil kulħadd biex ikollu rwol attiv fid-demokrazija Ewropea, b'mod partikolari billi jħeġġeġ liż-żgħażagħ jipparteċipaw.

# L-aħjar prattiki tal-membri ta' BELC

Immexxi mill-membru ta' BELC **Driss Zayou**, f'kollaborazzjoni maċ-**ċentru EUROPE DIRECT ta' Antwerp** u l-**muniċipalità ta' Dessel,** il-proġett **Pop Up Europa** ġab lill-Ewropa fid-djar tan-nies għal 5 ġimgħat bejn Frar u Marzu, u saħħaħ l-involviment dwar suġġetti tal-UE kemm fost ir-residenti żgħażagħ kif ukoll fost l-anzjani permezz ta' wirjiet, lezzjonijiet u kompetizzjonijiet.

Immexxija mill-**Viċi Sindku Katarzyna Łaziuk** membru ta' BELC, f'kollaborazzjoni mar-Rappreżentanza tal-KE fil-Polonja, iċ-**ċentru EUROPE DIRECT ta' Minsk Mazowiecki**, u l-**Kontea ta' Minsk**, f'Marzu l-konferenza ***Flimkien Kontra d-Depressjoni*** indirizzat kwistjonijiet importanti dwar is-saħħa u l-benesseri mentali b'aktar minn 300 parteċipant, inklużi professjonisti, edukaturi, u mexxejja lokali, li laħqu l-qofol tagħhom f'impenn biex jissieħbu fl-Alleanza Ewropea Kontra d-Dipressjoni.

Katarzyna Łaziuk, il-Belt ta' Minsk Mazowiecki

## Jum l-Ewropa

Id-**9 ta' Mejju** hu Jum l-Ewropa, jum li jiċċelebra l-paċi u l-għaqda fl-Ewropa, u jenfasizza l-kisbiet tal-UE u jipprevedi l-futur tagħha. Għal ħafna membri ta' BELC, Jum l-Ewropa kien opportunità biex jiġu ospitati avvenimenti u biex titfakkar din l-okkażjoni importanti. Aktar minn 90 attività fi 11-il pajjiż ġew organizzati u segwiti mill-media soċjali u dik lokali.

## Webinars

Matul Marzu u April 2024, **membri ġodda ta' BELC minn Franza, ir-Rumanija, il-Bulgarija, il-Ġermanja u l-Portugall ingħataw merħba** f'laqgħa online minn rappreżentanti mill-Kummissjoni Ewropea. L-għan ta' dawn is-sessjonijiet kien li jservu bħala pjattaformi diretti għall-iskambju ta' għarfien u t-trawwim ta' ħbiberija fi ħdan il-komunità li dejjem qed tikber ta' BELC.

Il-membri ta' BELC ġew offruti wkoll webinars dwar diversi **suġġetti tal-UE li huma tal-iktar interess għalihom**, inkluż id-drittijiet taċ-ċittadinanza tal-UE, l-iżvilupp rurali, u l-immigrazzjoni. Ibqa' segwina għal aktar aġġornamenti!

# Il-membri jżuru Brussell

Fl-aħħar sensiela ta' żjarat, li saru f'Marzu u f'April, intlaqgħu fi Brussell id-delegazzjonijiet entużjasti tal-membri ta' BELC mil-**L**itwanja, l-Italja, il-Greċja u Ċipru. Kienu ħerqana li jitgħallmu aktar dwar l-istituzzjonijiet Ewropej u l-policies tal-UE rilevanti għall-kostitwenzi rispettivi tagħhom.

Għal darb'oħra, iż-żjarat urew li kienu opportunitajiet apprezzati ħafna għall-iskambju tal-għarfien u l-bini tal-komunità. Id-diskussjonijiet koprew firxa ta' suġġetti mill-promozzjoni kulturali u l-ekoturiżmu għall-istrateġiji għas-sostenibbiltà u l-ekonomija ċirkolari. Id-diskussjonijiet vivaċi dwar l-iżvilupp rurali, it-trasport sostenibbli, u l-elezzjonijiet Ewropej komplew isaħħu l-esperjenza tagħhom.

Id-delegazzjoni konġunta Griega u Ċiprijotta kellha l-opportunità għal dibattitu twil mal-Kummissarju Margaritis Schinas, li faħħar l-inizjattiva BELC. Hu ppowstja fuq X: "Grazzi lin-network "Nibnu l-Ewropa mal-Kunsilliera Lokali" għal diskussjoni f'waqtha dwar it-titjib tal-fehim tal-policies tal-UE u l-komunikazzjoni dwarhom."

Żjara fi Brussell tal-membri Taljani ta' BELC

## Futurium - l-ispazju tiegħek għall-informazzjoni u n-networking!

Bi ftit klikks tista' taċċessa materjal ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni dwar **suġġetti tal-UE li jinteressawk** fit-**taqsima tal-librerija** ta' Futurium! Il-posts kollha huma aċċessibbli fil-lingwa uffiċjali tiegħek tal-UE.

Esplora kategoriji oħra fosthom dik dwar l-**elezzjonijiet Ewropej** **hawnhekk**, **iltaqa' ma' membri oħra ta' BELC** **hawnhekk**, jew aqsam **l-attivitajiet tiegħek** **hawnhekk**.

## X'hemm ġdid fis-sit web ta' BELC

- **Mappa interattiva aġġornata tal-membri ta' BELC**! Il-mappa fiha filter ġdid, li jippermetti lil kulħadd isib faċilment il-kunsilliera lokali tal-UE skont il-pajjiż u r-reġjun biex joħloq network ma' persuni tal-istess fehma u li għandhom ukoll passjoni għall-UE u l-governanza lokali.
- Entrati ġodda fit-**taqsima tal-aħjar prattiki**! Iċċekkja l-inizjattivi l-ġodda mmexxija mill-membri ta' BELC. Skopri l-approċċi innovattivi tagħhom fil-komunikazzjoni tal-UE fil-prattika.

Nibnu l-Ewropa flimkien
mal-Kunsilliera Lokali